MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 540/1994/1

**Dennis Tanti f'ismu proprju u bhala
Vici-President tal-Union Haddiema
Maghqudin**

**vs**

**Salvinu Spiteri u Maurice Agius fil-kwalita` rispettiva
taghhom ta'
President u Segretarju Generali tal-Union Haddiema
Maghqudin
ghan-nom u fl-interess tal-istess Union u b'nota tat-13
ta' Novembru 2002 Gaetano Tanti u Gaetano Vella**

**fil-kwalita` rispettiva taghhom ta' President u Segretarju Generali tal-Union Haddiema Maghqudin assumew l-atti tal-kawza flok Salvino Spiteri u Maurice Agius.**

## Il-Qorti:

## Preliminari.

B'citazzjoni presentata fit-22 ta' April 1994 l-attur ippremetta illi huwa membru ttesserat u Vici-President tal-Union Haddiema Maghqudin; illi l-konvenuti fil-kwalita` rispettiva taghhom jokkupaw il-kariga ta' President u Segretarju Generali rispettivament, u ghandhom ir-rapprezentanza legali tal-Union in kwistjoni; illi fit-12 ta' April, 1994, il-Kunsill Generali ta' dik il-Union iddecida li b'effetti immedjat l-attur ma ghandux ikompli jokkupa l-kariga ta' Vici-President tal-Union u l-anqas ma jista' jokkupa ebda kariga statutorja fil-Union, u dan sakemm il-Kunsill Generali tal-Union eventwalment ma jiddecidiex mod iehor, izda din id-decizjoni m'ghandhiex tapplika ghal aktar minn sentejn; illi din id-decizjoni giet mgharrfa lill-attur mill-konvenut Maurice Agius fil-kwalita` fuq premessa permezz ta' ittra datata 13 ta' April, 1994 (Dok.A); illi skond l-Artikolu 9(1)K tal-istatut tal-Union in kwistjoni jiddisponi kjarament li l-Kunsill Generali kull ma ghandu hu s-setgha li jkecci, inehhi, jissospendi jew jiehu passi dixxiplinari kontra xi membru minn dik il-kwalita` biss; illi l-istess statut bl-aktar mod univoku jiddisponi fl-Artikolu 9(2) li l-ufficjali tal-Union jigu eletti mill-Konferenza Generali, filwaqt li l-Artikolu 9(14) jistabilixxi espressament li l-Konferenza Generali Straordinarja jkollha s-setgha li tnehhi l-Kunsill Generali, is-Segretarju Finanzjarju, jew lil kull wiehed mill-ufficjali jew membri tal-Kunsill; illi ghalhekk il-Kunsill Generali, bid-decizjoni tieghu tat-12 ta' April, 1994, iddecida fuq materja li hija espressament riservata ghall-Laqgha Generali Straordinarja, u b'konsegwenza dik id-decizjoni hija nulla u bla effett; illi l-

attur gieb dan kollu a konjizzjoni tal-konvenuti permezz ta' protest gudizzjarju presentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili datat 13 ta' April, 1994 (Dok B); ghalhekk l-attur talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi tiddikjara li d-decizjoni tal-Kunsill Generali tal-Ghaqda Union Haddiema Maghqudin datata 12 ta' April, 1994, mehuda fil-konfront tieghu kif fuq inghad, hija nulla u bla effett u/jew li l-istess Kunsill agixxa ultra vires is-setghat li jaqghu fil-kompetenza tieghu skond l-istatut tal-istess Union; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 13 ta' April, 1994 u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota tat-2 ta' Mejju, 1994 il-konvenuti eccepew illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-27 ta' Marzu 1998 il-Prima Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet it-talbiet attrici b'dana li, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u dana wara li ikkunsidrat hekk:-
"*Mill-provi prodotti jirrizulta illi f'laqgha tat-12 ta' April, 1994, il-Kunsill Generali ta' l-Union Haddiema Maghqudin iddecieda li l-attur "m'ghandux jibqa' jokkupa l-kariga ta' Vici-President tal-istess Union, u lanqas ma jista' jokkupa ebda kariga statutorja fil-Union, u dan sakemm il-Kunsill Generali tal-Union eventwalment ma jiddecidix mod iehor, izda din id-decizjoni m'ghandhiex tapplika ghal aktar minn sentejn." Din id-decizjoni tal-Kunsill Generali giet konfermata lill-attur permezz ta' ittra mibghuta lilu mis-Segretarju Generali tal-Union u li kienet iggib id-data tal-ghada tas-seduta, cioe` d-data tat-13 ta' April 1994. F'din l-ittra gew riportati l-kliem ta' l-imsemmija decizjoni pero` gew inkluzi wkoll il-kliem "b'effett immedjat" fis-sens illi l-imsemmija decizjoni kellha tibda ssehh immedjatament;*

*Jirrizulta li skond l-istatut tal-Union din id-decizjoni ma setghetx ikollha effett immedjat peress illi l-kwestjoni tat-tnehhija tal-attur mill-kariga ta' Vici-President, dejjem skond l-istatut, hi riservata lill-Konferenza Generali tal-*

*istess Union. Ma hemm xejn li jzomm lill-Kunsill Generali milli jiehu d-decizjoni li ha. Li ma setghax jaghmel il-Kunsill Generali huwa li jghati effett immedjat lill-istess decizjoni. Ghalhekk sabiex tirnexxi din l-azzjoni tal-attur hu necessarju li jirrizulta b'mod sufficjenti li l-Kunsill Generali ddecieda li jghati effett immedjat lill-imsemmija decizjoni tieghu. Hu ovvju li f'dan ir-rigward huwa importanti li jigi stabbilit x'kienet tghid il-mozzjoni u mhux dak li gie miktub fl-imsemmija ittra tat-13 ta' April, 1994;*

*Ghandu jigi wkoll rilevat f'dan l-istadju li, in vista tat-talbiet attrici u ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, l-kwestjoni jekk il-Konferenza Generali sussegwentement approvatx jew le t-tnehhija tal-attur mill-karigi li kien jokkupa fi hdan il-Union, hi kwestjoni rrilevanti. F'din il-kawza qed jigi deciz jekk id-decizjoni tal-Kunsill Generali tat-12 ta' April 1994 ihiex nulla u bla effett peress li kienet ultra vires tal-kompetenzi tal-Kunsill Generali rizultanti mill-istatut. Barra minn hekk jirrizulta li sa meta giet presentata din il-kawza l-Konferenza Generali tal-Union ma kienet hadet ebda decizjoni dwar il-fatti meritu tad-decizjoni in kwestjoni tal-Kunsill Generali.*

*L-attur isostni illi l-Kunsill Generali ddecieda li l-imsemmija mozzjoni approvata minnu kellu tidhol fis-sehh immedjatament. L-attur ipproducja kopja ta' ittra datata 7 ta' Marzu 1994 (Dok DTX4 – fol 83) li jidher li fuqha kienet ibbazata l-mozzjoni in kwesțjoni. F'din l-ittra gie propost li ghar-ragunijiet indikati fl-istess ittra l-Kunsill Generali "ghandu immedjatament jitlob ir-rizenja" tal-attur mill-karigi li jokkupa fi hdan il-Union. F'din l-ittra pero` ma hemm xejn li jindika li d-decizjoni li semmai kellu kellu jiehu l-Kunsill Generali kellha tibda ssehh immedjatament.*

*Jirrizulta li l-attur kien prezenti ghal-laqgha in kwestjoni tat-12 ta' April 1994 u jirrizulta wkoll li huwa nizzel kelma b'kelma l-mozzjoni in kwestjoni waqt li din kienet qed tigi proposta. Fit-13 ta' April 1994, cioe` l-ghada ta' l-laqgha, l-attur ippresenta protest gudizzjarju kontra l-Union konvenuta u huwa bbaza l-istess protest esklusivament fuq in-notamenti li huwa kien ha waqt il-laqgha. Fl-imsemmi protest ma hemm l-ebda referenza li d-decizjoni*

*tal-Kunsill Generali kellha effett immedjat. Dan jindika li meta giet proposta u approvata l-mozzjoni ma kienitx tinkludi l-kliem "b'effett immedjat".*

*Jidher ghalhekk li l-mozzjoni in kwestjoni ma kellhiex tidhol fis-sehh minnufih. Jirrizulta li dan il-kliem gie inserit bi zball fl-imsemmija ittra tat-13 ta' April 1994. Is-Segretarju Generali tal-Union ikkonferma li meta kiteb din l-ittra ma kellux it-test tal-mozzjoni quddiemu u lanqas ma kellu fil-pussess tieghu n-notamenti li fuqhom sussegwentement gew formulati l-minuti. Jirrizulta in effetti li l-minuti tal-laqgha in kwestjoni (dokument CT – fol 23), liema minuti jidher li sussegwentement gew approvati, nkitbu mis-Segretarju Generali fuq notamenti li ha l-Assistent Segretarju Generali waqt l-istess laqgha. L-imsemmi Assistent Segretarju eskluda li ssemmew il-kliem "b'effett immedjat" f'din il-laqgha.*
*Huwa minnu li jirrizulta li matul il-laqgha ma gietx sollevata il-kwestjoni jekk id-decizjoni kellhiex tigi approvata jew le mill-Konferenza Generali. Dan pero` ma jwassalx awtomatikament ghal konkluzzjoni li d-decizjoni kellha tigi fis-sehh minnufih. It-termini tal-mozzjoni approvata donnhom jindikaw li d-decizjoni ma kienitx finali.*

*Barra minn hekk jirrizulta li in effetti l-attur ha l-onorarju lilu spettanti anke wara li ttiehdet id-decizjoni in kwestjoni. Jidher ukoll li l-attur ircieva l-agenda tal-laqgha sussegwenti tal-Kunsill Generali.*

*In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement ipprovat illi l-Kunsill Generali ddecieda li l-attur jitnehha mill-karigi li kien jokkupa immedjatament. Konsegwentement it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti."*

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentat fis-16 ta' April 1998 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u dan billi tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Il-Union konvenuta appellata ippresentat risposta ghall-appell tal-attur fejn, filwaqt li sostniet li s-sentenza hija gusta, talbet li tigi kkonfermata – salv ghall-kap tal-ispejjez billi l-ispejjez taz-zewg istanzi, skond l-Union konvenuta, ghandhom jigu sopportati mill-attur appellant billi, kif jinghad fir-risposta “*huwa car li l-attur ried japprofitta ruhu minn zball verbali*”. L-aggravju tal-appellant huwa, fil-kliem testwali tar-rikors ta’ appell, “*li l-ewwel qorti kienet ghall-kollox skorretta fl-apprezzament tal-fatti meta erroneament iddezumiet li l-kliem “**b’effett immedjat**” fl-ittra tat-13 ta’ April 1994 kienu gew inseriti bi zball.”* Infatti fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellant jressaq diversi argumenti biex jissostanzja din is-sottomissjoni.

In materja ta’ apprezzament tal-provi huwa principju pacifikament stabbilit illi l-Qorti ta’ l-Appell ma tindahalx, hlief f’kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel qorti. (Vol. XXVI p.I P.642, Vol. XXXVII p.I p.56 fost bosta sentenzi ohrajn).

Huwa kompitu tal-Qorti in materja ta’ apprezzament ta’ provi li dik il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta’ kredibilita`, konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet in kwantu dan, f’kawzi civili, huwa generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vol. L p.II p.440).

Fid-dawl ta’ dawn il-principji din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi processwali u ma ghandha ebda dubbju li l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti kienet dik gusta.

Infatti f’dawn il-proceduri l-attur appellant qed jitlob li jigi dikjarat li d-decizjoni tal-Kunsill Generali tal-Ghaqda Union Haddiema Maghqudin datata 12 ta’ April, 1994, mehuda fil-konfront tieghu, hija nulla u bla effett u/jew li l-istess Kunsill agixxa ultra vires is-setghat li jaqghu fil-kompetenza tieghu skond l-istatut tal-istess Union. Jidher li l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar jekk d-decizjoni tal-Kunsill kellhiex effett immedjat b’mod li l-attur, minn dak il-

mument kien tnehha mill-kariga tieghu ta’ Vici-President tal-istess Union.

Mhux kkontestat li kull decizjoni simili kellha tittressaq quddiem l-Konferenza Generali Straordinarja li, skond l-paragrafu (14) tal-Klawsola 9 tal-Istatut tal-Union in kwistjoni, kien l-organu kompetenti biex jnehhi “membri tal-Kunsill”. Gara pero` li fl-ittra tat-13 ta’ April, 1994 mibghuta mis-Segretarju Generali tal-Union lill-attur appellant biex b’hekk jinfurmah bid-decizjoni li kienet ittiehdet il-gurnata ta’ qabel fil-Kunsill Generali ntqal li d-decizjoni li l-attur appellant ma ghandux jkompli jokkupa il-kariga ta’ Vici-President kellha jkollha “effett immedjat”. L-attur jsostni li, a bazi ta’ dak li tipprovdi l-klawsola fuq citata, din id-decizjoni kienet “*ultra vires*” u konsegwentement nulla.

Il-fatti pero` jindikaw li dawn il-kliem li rrendew jew li pprovaw jirrendu d-decizjoni tal-Kunsill Generali effettiva immedjatament minghajr l-intervent tal-Konfernenza Generali Straordinarja iddahhlu fil-korp tal-imsemmija ittra bi zball. Infatti dan jixdhu l-istess Maurice Agius li stqarr ukoll li meta kiteb l-ittra tat-13 ta’ April, 1994 huwa ma kellux l-minuti tal-laqgha in kwistjoni f’idejh. Inoltre jirrizulta bla ebda dubbju ta’ xejn li fil-minuti tal-laqgha tat-12 ta’ April 1994 meta l-mozzjoni, kif emendata, giet approvata b’disa’ voti favur u tnejn kontra, il-kliem “**b’effett immedjat**” ma jirrizultawx.

L-attur appellant jghid li, waqt l-imsemmija laqgha meta kien prezenti, huwa nizzel l-emenda mressqa (minn Maurice Agius) kelma b’kelma ....” u kkonferma li l-frazi “B’effett immedjat” kienet tifforma parti mill-emenda tas-Sur Agius. B’dana kollu meta l-attur xhed fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar, 1996 huwa ma pprezentax in-notament li kien “allegatament” ha fl-okkazzjoni tal-laqgha tat-12 ta’ April, 1994 u lanqas ma jirrizulta li fil-protest minnu ppresentat l-ghada tal-laqgha, liema protest allegatament inkiteb wara li, kif jghid l-istess appellant, “wrejtu (lill-Avukat Toni Abela) l-emenda approvata kif <u>ktibtha</u> jiena waqt li kienet qed tigi iddettata” ma jirrikorru l-kliem “B’effett immedjat”. Din il-Qorti ghalhekk tati aktar affidament lill-verzjoni tal-

konvenuti li, wara kollox, hija korroborata b'dak li jirrizulta fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Generali tat-12 ta' April, 1994.

Fl-ahharnett din il-Qorti tixtieq tosserva li huwa dejjem l-Istatut li jpprevali u ghalhekk qal x'qal is-Segretarju Generali tal-Union fl-ittra tieghu, dan ma jnaqqas xejn minn dak li hemm provdut fl-istatut u li konsegwentment d-decizjoni mehuda fis-seduta tat-12 ta' April 1994 kellha, biex tiehu effett, tigi approvata mill-Konferenza Generali Straordinarja.

Illi l-osservazzjoni maghmula fir-risposta tal-konvenuti appellati dwar il-kap tal-ispejjez ma tammontax ghall-appell incidentali fuq dan il-kap u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tichad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------